**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA B'URGENZA NUMRU 15**
**14 ta' Marzu 2014 fl-5:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-5:15 p.m.

**<u>Preżenti:</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Viċi-Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**<u>Uffiċjali:</u>**

Sinjura Sue-Ellen Bugeja Segretarju Eżekuttiv

**<u>Skuzata</u>**

Sinjura Jeanelle Attard Kunsilliera

Intqgħalet it-Talba

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 12, 13 u 14 kienu tqassmu qabel.

   George Zammit staqsa kif il-Karnival ma sarx din is-sena. Is-Sindku qal li ma sarx minħabba x-xita. George Zammit staqsa ukoll jekk Triq il-Mitħna hux ser issir min-naħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal min-naħa tal-Ministeru. George Zammit qal li ma jsibx l-ebda oġġezzjoni li saret it-Triq Jean de la Vallette sa fejn l-exchange tal-Go dik il-bicca.

   Dr Monica Vella gibdet l-attenzjoni li mhux taqbel mal-minuti tal-laqgħa no. 12 pagna 5 candle ii)fl-aħħar sentenza fejn hemm imnizzel li dakinhar is-Sindku qal li t-Triq issir sa fejn l-arblu tad-dawl. Hi kompliet tgħid li dakinhar ingħat li t-triq ha issir sa fejn id-djar tar-residenti tat-triq.

XEWKIJA

Il-Kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni li fil-laqgħa qegħdin hemm biex ngħinu u mhux intelfu lil xulxin. Hu kompla jgħid li milli qed jara qed isiru affarijiet li qegħdin infixklu lil kamra u sħabna kollha, li jkun hemm affarijiet li qed intelfu fuqhom. George Zammit qal li dan bl-akbar responsibilita' lejn il-poplu u l-kamra qed jgħidu.

Il-Vici Sindku Dr Monica Vella qalet li peress li dan qed jingħat minħabba li hi qed titlob korrezzjoni tal-minuti kif tista titlob taħt il-ligi tal-Kunsill qed tiddikjara i) li l-minuti li intgħatulna ma jirriflettux dak li tassew gie diskuss waqt il-laqgħa. ii) peress li jidher li hawn oġġezzjoni ta talli korrezzjoni hi mhux ser tapprova la dawn il-minuti u l-anqas minuti oħra li gew mogħdija lill-Kunsilliera numru 12,13,14 għax Dr. Monica Vella qalet dawn mhux lejali għal dak li gie diskuss waqt il-laqgħa.

Is-Sindku qal li dawn huma allegazzjonijiet infondati u dan għaliex f' kull laqgħa tal-Kunsill li saret fl-ebda ħin u mument ma zamm il ħadt milli jesprimi l-opinjoni tiegħu sew jekk jaqbel jew ma jaqbilx mas-suggett u dan setgħa jagħmlu b'mod dejjem liberu. Hu kompla jgħid li barra min hekk fl-opinjoni tiegħu li jekk xi ħadt ma jaqbilx mal-minuti kellu ic-cans jibdel fuqhom u għandu kull dritt jgħamel dan mingħajr ma jigi imfixkel minn ħadt.

Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li intbgħatu l-minuti fid-9:00 ta' bil-lejl. Is-Segretarja ikonfermat li l-minuti ntbgħatu nhar l-Erbgha 12 ta' Marzu fid-9:26 ta' bil-lejl kif jidher fl-email li intbgħat il-kunsilliera kollha. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li meta intbgħatu l-minuti gimgħatejn qabel il-laqgħa, Il-Vici Sindku kienet iddikjarat waqt il-laqgħa li ma kelliex hin tara l-minuti biex tapprovahom.

Il-Kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni li l-minuti m'għandhomx ikunu bibbja.

Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li ircievet e-mail mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard fi 12 ta' Marzu li hi taqbel mal minuti no. 12, 13 u 14. Is-Segretarja staqsiet il-Membri kollha l-oħra prezenti George Zammit, Is-Sindku u Domnic Zerafa jekk jaqblux mal-minuti no 12, 13 u 14 li intbgħatilhom. Il-Membri l-oħra kollha prezenti barra l-Vici Sindku Dr Monica Vella qablu mal-Minuti no 12, 13 u 14 u għalhekk gew approvati.

## 2. Financial Statements 2014, Budget 2014 u Buisness Plan 2014-2016

Peress li fil-laqgħa no.14 is-Sindku talab biex l-Accountant tal-Kunsill tkun prezenti għal-laqgħa li jmiss biex tispjega l-Financial Statements 2014 fid-dettal din kienet prezenti. Is-Sindku qal il-membri kollha prezenti biex jekk ghandhom xi mistoqsijiet fuq il-Financial Statements jistaqsu lil accountant. Is-Sindku taghlab lil accountant spegazzjoni fil-qosor. L-accountant spjegat lil membri prezenti fid-dettal u kulhadd kien liberu li jagħmel il-mistoqsijiet li ried jagħmel.

Il-Kunsillier George Zammit staqsa jekk il-laqgħa tistax tigi recorded. Is-Segretarja qalet li jekk il-membri kollha prezenti jigu avzati dan jista jsir jekk le ma tistax tigi recorded.

Il-Budget 2014 u l-Busisness Plan kienu tqassmu qabel. Kif kien hemm l-accountant tal-Kunsill spjegat dawn ukoll fid-dettal. Is-Segretarja staqsiet il-membri kollha prezenti jekk jaqblux mal-Budget 2014 u l-Buisness Plan 2014-2016. Is-Sindku, George Zammit u Domenic Zerafa qablu magħhom. Dr. Monica Vella astjenit mil-Budget 2014 u l-Buisness Plan 2014-2016.

## 3. Affarijiet Oħra

i. Fuq talba mis-Sindku fl-aħħar laqgħa no. 14 kien hemm prezenti l-Perit Saliba. Il-Perit spjega diversi Progetti.

   **Mizura 313** – Il-Perit qal li l-interpretation centre għaddej ix-xogħol fuqa. Il-Vici Sindku Dr Monica Vella staqsiet lil Perit jekk hax ir-responsabilita' tal-progett. Il-Perit qal li kien hemm *change of architect application*. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li fil-laqgħat precidenti kienu tgħaddew dan id-dokumenti. Il-Perit informa lil Kunsill li l-permess tal-girna ser jidher quddiem il-board tal-MEPA u li qiegħed *recommanded to grant.* Is-Segretarja staqsiet lil Kunsilliera prezenti jekk tistax toħrog it-tender malli joħrog il-permess biex ma jintilfux l-fondi jekk ma jitlestewx sa zmien stipulat. Il-Kunsill qabel li tinħareg it-tender malli joħrog il-permess. Il-Perit qal li rigward il-latrina fil-Gnien ta' Blankas hu kien għamel kif gie mitlub mil-KNPD u qed jistenna mingħandhom. Il-Kunsill qabel ukoll li malli joħrog dan il-peress mil MEPA tinħareg it-tender ukoll.

   **Eco Gozo** – Il-Perit avza lil kunsill li fuq is-signage u l-bankijiet qatt ma kienet saret applikazzjoni għal dawn. Dr. Monica Vella gibdet l-attenzjoni li kien hemm area identifikata mal-Perit Lino Bianco. Il-Perit Saliba qal li qatt ma kienet daħlet applikazzjoni mal-MEPA rigward dan. Il-Perit Saliba issugerixxa li isir passagg bil-*hardstone paving* minflok l-imsemmi affarijiet peress li jinħareg aktar dan il-permess biex ma jintilfux il-fondi. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hemm timeframe u jekk dan ma jigix milhuq jintilfu l-fondi fuq dan il-progett. Fuq mistoqsija mill-Vici Sindku rigward jekk il-MEPA jagħti permess fuq signage u bankijiet il-Perit qal li applikazzjoni fuq l-imsemmi passagg tinħareg aktar malajr. Il-Perit kompla jgħid li isir passagg bil paving u issir trinka tad-dawl. Il-Perit qal li l-aħjar tkun specific fuq ħaga waħda. Dr. Monica Vella staqsiet fuq is-signage hux problema. Ezempju issir tabella fejn hemm il-cart ruts. Domenic Zerafa u s-Sindku qalu li dawn mhux daqshekk importanti bhalissa u inhalluhom u jintuzaw il-fondi qabel jintilfu. Il-Kunsilliera prezenti Domenic Zerafa, George Zammit u s-Sindku qablu li jsir l-imsemmi passagg. Dr Monica Vella ma taqbilx għal-applikazzjoni tal-passagg biss.

**Triq San Bert-** Fuq mistoqsija li qamet fil-laqgħa precedenti rigward garanzija ta' imsemmija triq il-Perit Saliba qal hemm garanzija ta' sentejn fuq toroq tat-'Ten T' fejn dawn jinbnew mill gdid u is-servizzi ikunu kollha godda il-garanzija tkun itwal. Fil-kas ta' Triq San Bert kien xoghol ta' resurfacing biss. F'din it-triq saru ukoll *crossings* tas servizzi tal-ilma u tad-dranagg matul iz-zmien tal-WSC. Hu kompla jgħid li meta kien hemm id-diverstion tat-traffiku minħabba x-xoghol tat-Triq l-Imgarr, kien hemm

ħsara fil-main tal-WSC li damet ma giet irrangata.

**Triq Jean De La Vallette -** Is-Sindku staqsa lil Perit prezenti sa fejn kellha tibda u tispicca din it-triq bit-tarmak. Il-Perit spjega fid-dettal wara li kellu l-pjanta tal-area. Il-Perit qal li kellha tinbeda min hdejn it-tarf ta' l-iskola wara gie stailit li l-area li taghmel mal-konfini tax-Xewkija hija sat-tarf tal-Go u ghalhekk tnaqset dik il-parti li kienet taghmel mal-MIP.. George Zammit qal li fejn jaghmel max-Xewkija huwa r-responsabilita tal-Kunsill. Hu kompla jghid li l-pubbliku tax-Xewkija ser igawdi minnu.

George Zammit staqsa lil Perit meta triq tkun ser issir Triq bit-tarmak ta min hi ir-responsibilita'. Il-Perit qal li l-*mains* responsibilita' tal-WSC u l-*branches* huma ownership tan-nies imma jekk jinkisru irrid jagħmilha l-kunsill peress li l-Kunsill ikun jaghmel ix-xoghoijiet il-kunsill ikun responsabli taghhom. Dr Monica Vella qalet kien jingħatalhom ittra lir-residenti. Is-Sindku qal li in-nies ma ridux ibidluh huma. Dr. Monica Vella qalet mela f'dak il-kaz ma jsirux. Il-Kunsillier George Zammit u s-Sindku qalu lil Dr Monica Vella dik mhux responsibilita' li qed tgħid. Dr Monica Vella qalet li jekk ikisser il-Kuntrattur ir-responsibilita' hija f'idejn il-kuntrattur.

Is-Sindku qal li derlu li wara erbgħin sena li ma saret qatt bit-tarmak u l-kunsill iffranka il-flus peress li issa ser issir mil-Ministeru, hass ir-responsabilita' li ghandhom isiru ghax l-istat taghhom kien ħazin ħafna għax kienu għadhom tac-ceqquf. Hu kompla jgħid li għalhekk bagħat e-mail lill-kunsilliera kollha qabel, fejn il-Kunsilliera Jeanelle Attard, George Zammit u Domnic Zerafa qablu ma dan. Is-Sindku qal li kienet tkun irresponsabbilta kbira li terga' titqatta t-triq.

**Toroq PPP** – Is-Sindku gibet l-attenzjoni li jekk fuq il-batch li baqa ma nħallsux il-kuntrattur ma nigux rifunded flus mid-dipartiment. Il-Perit rega fiehem il-Kunsill l-istess rapport li kien ħareg fuq it-toroq ta batch 1 u batch 2. Hu kompla jgħid li Triq Keraba, Trejqet Kraba, Triq is-Salib Imqaddes, Triq San Duminku, Triq Sant Indrija u Triq l-Arcipriet Grech gew jiswew inqas minn kemm kienu stmati filwaqt li Triq Indri Borg u Triq l-Għarus jew jiswew aktar. Il-Perit qal li dawn it-toroq kollha flimkien gew jiswew 7,715 euro anqas minn kif originalment kienu stmati. Dr Monica Vella kompliet tghid li mhux ser tapprova it-30.000 euro discripanza fuq toroq partikulari. Il-Perit kompla jgħid li jekk il-Kunsill jixtieq iqabbad Perit ieħor biex jivverifika dan. Dr Monica Vella qalet li

ma taqbilx ma din il-proposta biex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjez aktar. Is-Sindku u l-Kunsilliera George Zammit u Domenic Zerafa qalu li jaqblu mar-rapport tal-Perit. George Zammit gibet l-attenzjoni li meta issir stima ta' triq ma tkunx taf x'ser issib min wicc it-triq. George Zammit kompla jgħid li hemm ritratti jixhdu dan u li qed jgħid li jaqbel ma tal-Perit. George Zammit gibet l-attenzjoni ukoll li kien hemm xogħlijiet oħra ta' toroq oħra u gara l-istess izda ma jiftakarx liema u ghal bzonn qal naraw fuq il-minuti ta' qabel. George Zammit kompla jgħid li waħda minnhom Triq Indri Borg.

Dan il-ħin ħareg il-Kunsillier George Zammit.

ii. Is-Sindku qal lill-Kunsill li t-Triq tal-Ħorob giet irrangata mill-ħaddiema tal-Gvern mingħajr ma l-Kunsill daħal fl-ispejjez.

iii. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li il-Merry Go Round li hemm fil-playing field tal-Barmil giet iccertifikata mil MCCAA li hija perikoluza u trid tinqala jew titranga urgenti. Is-Sindku qal li tqabbdu xi nies biex titnehha jew jirrangawha izda dawn ma sabux tarf tagħha u l-Kumpanija li kienet inxtrat minnha kien baqalhom biex jigu Ghawdex. Hu kompla jgħid li l-Kuntrattur Joe Magro kien avza lil Kunsill li jista' jirranga din il-Merry Go Round hu. Il-Kunsill qabel li dan issewwija.

iv. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li ser tfittex xkaffar addatat għal librerija li kienu tgħaddew fil-laqgħat precedenti u turihom fil-laqgħa li jmiss. Hi kompliet tgħid li kien hemm bzonn ukoll desk għal ħaddiem taħt l-iskema tal-Persuni b'dizabilita', zewg desk chairs (ghas-Sindku u s-Segretarja), u purtieri għal fuq. Il-Kunsill qabel li dawn jinxtraw. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li kien hemm ukoll l-bzonn li jigu ordnati xi souveniers tal-Kunsill biex jitqassmu f'kas ta' xi attivita' partikulari lil mistieden specjali. Il-Kunsill qabel li jingabru kwotazzjonijiet fuq is-soveniers.

v. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li Triq Gourgion għandha bzonn titranga mill-hofor. Hu kompla jgħid li l-ħaddiema ser ikunu tal-gvern u l-Kunsill iħallas biss il-materjal. Il-kunsill qabel fuq dan.

vi. Is-Sindku gibet l-attenzjoni ukoll li hemm bzonn isir it-trattament fuq is-sigar tal-Palm fix-Xewkija. Hu kompla jgħid li jsir it-trattament mill-ħaddiema tal-Kunsill u jinxtara biss l-materjal għat-tratament. Il-Kunsill qabel fuq dan.

## 4. **Offerti**

*Online Streaming*

Il-Kunsill fetaħ l-offerti. Kien hemm offerta waħda. L-offerti kienu:-Correct Termination Ltd €2773.00. Il-Kunsill għazel din l-offerta.

XEWKIJA

## 5. Emellishment tal-Pjazza San Gwann Battista

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li qabel tinħareg *l-expression of interest* fil gazetta tal-Gvern irrid ikun hemm tip ta' incentiv li tħajjar lil pubbliku jagħmel id-disinn tal-Embellishment fi Pjazza San Gwann Battista u dan il-premju jkun ukoll l-ħlas biex tintuza l-aħjar disinn dejjem jekk il-Kunsill togħgbu xi disinn partikulari. Is-Sindku issugerixxa li l-premju ikun ta' €1,000. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu ma dan. Is-Segretarja għandha toħrog l-aviz.

## 6. Gemillagg

Is-Sindku informa lil kunsill li peress li l-fondi jridu jintuzaw sa nofs Lulju jkun sew li l-gemillagg ma Pachino fix-Xewkija jsir fil-Fiori d'Argenta 2014 – 14,15 ta'Gunju 2014. Il-kunsilliera prezenti qablu ma dan.

## 7. WSC trenching repairs

Is-Sindku qal lil Kunsill li intlahaq ftiehem mal-WSC li l-Kunsill iqabbad kuntrattur u jagħmel it-trenching repairs u l-Kunsill jigi imħallas l-ammont mil-WSC. Il-Kunsill qabel li ghandha tinħareg kwotazzjoni.

## 8. Ilmenti u Suggerimenti

i. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li sar vandalizmu fuq il-bandli fil-Playing Field fi Triq il-Ħamrija. Il-Vici Sindku Dr. Monica qalet li qed taqbel li l-Kunsill jikundana l-vandalizmu li sar fuq il-bandli tal-Ħamrija.

ii. Dr Monica Vella gibdet l-attenzzjoni li fi Triq il-Knisja kantuniera ma Triq Santa Katarina qed ikun hemm problema li l-karozzi qed jipparkjaw fuq id-double yellow lines.

iii. Monica gibdet l-attenzjoni li z-zibel fi Triq il-Ħamrija qed jingabar kmieni. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mal-kuntrattur.

## 9. Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

i. Ittra minghand NSTF Science dwar prezentazzjoni ta' *science book* il-student mix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa.

ii. Is-Segretarja bgħatet e-mail lill-Kunsilliera kollha bil-program tad-delegazzjoni f'vista ufficjali gewwa l-Emilia Romagna bejn is-16 u 19 ta' Marzu. Kien gie nnominat is-Sindku mill-Kumitat Regjonali ghal Ghawdex biex ikun parti minn din id-delegazzjoni. L-ispejjez ta' l-akkomodazzjoni u t-titjira għandhom jigu koperti mill-kunsill. Il-Kunsilliera Jeanelle Azzopardi, George Zammit u Dominic Zerafa infurmaw lis-Segretarja li jaqblu ma dan.

iii. Is-Segretarja bgħatet e mail lil kunsilliera kollha rigward li intallab li jibda jigi offrut is-servizz tas-Sigurta Socjali kull nhar ta' Tlieta mill-Kunsill Lokali. Is-Segretarja informat lil kunsilliera kollha li hemm il-bzonn li tinxtara printer b'mudel partikulari ghal dan is-servizz. Il-Kunsilliera kollha bghatu lis-Segretarja li jaqblu b'dan kollu.

iv. Is-Segretarja bgħatet e-mail lill-Kunsilliera kollha rigward il-bzonn li jinxtraw il-computers li infethu il-kwotazzjonijiet taghhom waqt laqgħa precedenti peress li l-qodma mhux jahdmu biex jiffunzjona l-ufficcju. Is-Segretarja kienet gabet parir tekniku kif gie mitlub fil-laqgha. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard, George Zammit, Domenic Zerafa u s-Sindku qablu ma dan.

## 10. <u>Approvazzjoni ta' ħlasijiet</u>

Il-Kunsill qabel li l-kontijiet tal-Go plc ma jitghaddewx mil-laqgħa u jithallsu kull xahar fi zmien stipulut.

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 11. <u>Tmiem il-Laqgħa</u>

Il-Laqgħa giet aggornata fid-8:20 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |